MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**MARIA KARLSSON**

Seduta tas-17 ta' Frar, 2009

Talba Numru. 957/2008

**Market Intelligence Services Company Limited – (C 6346)**

**vs**

**Presidential Holdings Limited (C 38482)**

**It-Tribunal**

Wara li ra t-talba attrici ghall-kundanna tas-socjeta` konvenuta ghal hlas ta’ elf, seba` mija u erbgha u tmenin ewro u tlieta u ghoxrin centezmi (€1784.23) rapprezentanti hlas ghal servizzi moghtija mis-socjeta’ attrici lis-socjeta’ konvenuta flimkien ma` spejjez u VAT relattiv liema somma hija dovuta kwantu (a) ghal €1097.07 skond fattura numru 010281 datata 30 ta’ April, 2008 u (b) kwantu ghal €687.16 skond fattura numru 010420 datata 30 ta’ Gunju, 2008 prospett u fatturi mehmuza ma` l-avviz.

Bl-ispejjez tal-prezentata u ta` l-ittra nterpellatorja datata 28 ta’ Novembru, 2008 (Dok. ‘D’ hawn annessa bhala kopja) flimkien ma` l-imghaxijiet bl-oghla rata skond il-ligi mid-data tal-hrug ta’ kull fattura sad-data tal-pagament effettiv, ilkoll kontra s-socjeta’ konvenuta minn issa ngunta in subizzjoni.

Ra mill-atti li s-socjeta’ konvenuta baqghet ma pprezentatx risposta ghalkemm debitament notfikata u l-anqas ma dehret ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra illi s-socjeta’ konvenuta naqset li tidher anke ghas-seduta ta` llum.

Ra illi gie pprezentat Kapitolu fis-seduta tat-2 ta’ Frar, 2009 mill-Avukat Jonathan Fiorentino u l-fatt li s-socjeta’ konvenuta naqset li tidher sabiex tirrispondih u ghalhekk ghandu jitqies bhala mistqarr.

It-Tribunal jidhirlu illi s-socjeta’ konvenuta naqset milli tipprova l-kaz taghha quddiem dan it-Tribunal.

Fic-cirkostanzi, it-Tribunal jiddeciedi billi jilqa’ t-talba attrici, bl-ispejjez u imghaxijiet kif mitluba.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------